# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 294/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Miriam Elabed**

Illum 13 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellanti **Miriam Elabed**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 212793(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-10 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl u nofs il-lejl u kwart minn ġewwa Triq Manwel Dimech, Sliema:

1. ikkommettew serq ta' basket kontenenti flus, dokumenti, *mobile phone* u ħwejjeġ oħra għad-dannu ta' Danche Todorovska u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat

bil-vjolenza, bl-ammont li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-ħin;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Danche Todorovska f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Danche Todorovska jew ġabulha diżordni f'moħħha;

Lil Miriam Elabed waħedha akkużata wkoll talli:

3. irrendiet ruħha reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2014, liema sentenza ġiet imġedda għal erba' snin oħra mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Settembru 2017 saret definittiva u ma tistax tinbidel

Lil *Omissis* waħdu akkużat ukoll talli:

5. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' kundanna, tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li fil-konfront ta' *Omissis* u l-imputata Elabed rat Artikoli 17, 20, 31, 45, 49, 64(2), 214, 216(1)(a)(b), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 274(b), 277(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li fil-konfront tal-imputata Elabed waħedha rat ukoll Artikoli 28A, 28B, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u filwaqt li kkundannat lil *Omissis* għal ħames (5) snin priġunerija, ikkundannat lill-imputata Elabed għal tmien (8) snin priġunerija. *In oltre*, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputata Elabed nhar is-27 ta' Ġunju 2014,[1] kif estiża għall-erba' snin oħra b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2017[2], tiġi fis-seħħ stante illi l-Qorti kkonkludiet li r-reati li dwarhom instabet ħatja ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. Għalhekk b'kollox l-imputata Elabed ingħatat piena komplessiva ta' għaxar (10) snin priġunerija. Finalment, *a tenur* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tliet (3) snin sabiex jibdew jindirizzaw il-vizzju tad-droga. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala kumpens lill-vittma Danche Todorovska għal offiżi lilha kawżati u reati li ġarrbet, il-Qorti kkundannat lill-imputata Elabed tikkumpensaha fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000), filwaqt li *Omissis* ġie ordnat jikkumpensaha fl-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000). Il-Qorti saħqet li din l-ordni kellha l-istess forza u effett u kellha tkun esegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputati u l-*parte leża* Danche Todorovska. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati jħallsu kull wieħed l-ammont ta' tliet mija u sebgħa u disgħin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€397.71) rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali.

[1] "Dok. "FF 1" – *a fol.* 458 *et seq.*."
[2] "Dok. "FF 2" – *a fol.* 463 *et seq.*."

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Onor. Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fil-konfront tagħha fis-26 ta' Settembru 2022 billi tiddikjaraha mhux ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha u subordinatament fil-każ ta' sejbien ta' ħtija tvarjaha billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ngħad quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' Settembru 2022. Għal kull buon fini jingħad li s-sentenza appellata ngħatat kemm fil-konfront ta' ċertu Ramon Abela u kif ukoll fil-konfront tal-appellanti Miriam Elabed. Filwaqt li jirriżulta li Ramon Abela ma appellax mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, jirriżulta li Elabed appellat u li din is-sentenza hija dwar l-appell tagħha.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li din il-Qorti teħlisha mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha. Fin-

nuqqas ta' dan, hija titlob piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw serqa li allegatament saret mill-appellanti flimkien mal-kompliċi tagħha Abela f'tas-Sliema. Skont il-parti leża dakinhar tal-akkadut għal ħabta ta' nofs il-lejl hija kienet għaddejja minn Triq Manwel Dimech, f'tas-Sliema meta persuna waqqfitha u talbitha l-basket. Il-parti leża rrifjutat li tgħaddi l-basket minħabba li fil-basket kellha l-passaport u tgħid li l-persuna li aggrediha kien raġel u tgħid ukoll li meta hija rrifjutat li tagħti l-basket, dan beda jsawwatha b'xi ħaġa tal-metall. Tgħid li beda jkaxkarha lejn in-naħa tax-xellug tal-vettura u taħseb li l-aggressur kien raġel minħabba li min aggrediha kien persuna b'vuċi maskili u kien bla sider. Tkompli tgħid li wara l-aggressjoni hija mxiet lejn id-dar ta' binha li ħadha l-iSptar St. James. Jirriżulta iżda li minn hemm, minħabba l-gravita' tal-feriti li kellha, hija marret l-Isptar Mater Dei fejn ġiet iċċertifikata li qed tbagħti minn feriti gravi.

Illi minn naħa tagħha l-verżjoni li tagħti l-appellanti hija li l-imputat l-ieħor Ramon Abela kien staqsieha jekk riditx taqla' sold. Tgħid li hija aċċettat minħabba li kien mingħaliha li kienu sejrin jisirqu xi batteriji tat-trakkijiet. Tgħid li wara li ġabret lil Ramon Abela mid-dar tiegħu f'Bormla, huma saqu lejn tas-Sliema. Tispjega li meta kienu għaddejjin minn tas-Sliema, Abela ordnalha sabiex twaqqaf u ħareġ mill-vettura. Tgħid li hija ratu jsawwat u jkaxkar lill-parti leża sabiex joħdilha l-basket li kellha f'idha. Tkompli tgħid li Abela daħal fil-vettura u hemm rat li kellu ħadida f'idu. Tispjega li din il-ħadida kien ħariġha minn basket li kellu miegħu. L-appellanti tgħid li f'dak il-mument Abela ordnalha sabiex issuq. Tgħid li hija saqet biċċa żgħira sakemm Abela fittex fil-basket fejn, fost affarijiet oħra, sab xi flus. Wara tgħid li beda jsuq huwa minħabba li ngħad li kien jaf aktar it-toroq. Minn hemm huma marru u xtraw xi droga u kkunsmawha.

Illi l-verżjoni ta' Abela hija kemmxejn differenti b'dana illi skont hu kienet l-appellanti li wettqet ir-reat mentri huwa kemm saq il-vettura sa tas-Sliema u minn tas-Sliema lura. Jgħid ukoll li kien

huwa li rema l-parti tar-*res furtiva* bħal basket u l-ħadida li ntużat sabiex tissawwat il-parti leża. Fil-fatt mill-atti proċesswali jirriżulta li kien huwa li ħa lill-Pulizija fejn dawn kienu ġew mormija.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[3] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti

[3] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[4]"

**Ikkunsidrat**

Illi waqt is-sottomissjonijiet finali li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif preseduta, il-konsulent legali tal-appellanti jargumenta li waqt li l-appellanti rrilaxxat l-istqarrija tagħha hija ma ngħatatx id-drittijiet kif sanċiti illum mingħajr ma identifika liema drittijiet kienet nieqsa minnhom. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li ma ssemma xejn dwar dan fir-Rikors tal-appell tal-appellanti, tinnota wkoll li kienet l-istess appellanti li waqt l-istqarrija tagħha kkonfermat li ngħatat id-drittijiet tagħha (*a fol.* 168). Rigward l-assistenza tal-avukat waqt l-istqarrija, din il-Qorti tinnota li dakinhar li l-appellanti rrilaxxat l-istqarrija tagħha kien hemm magħha l-konsulent legali tagħha ta' dak iż-żmien. Apparti li dan jirriżulta mit-traskrizzjoni ta' din l-istqarrija (*a fol.* 167 *et seq.*) jirriżulta wkoll mis-*cd* tal-istess stqarrija fejn tidher ċara l-avukat li kienet għażlet l-appellanti bil-qiegħda ma' ġenbha. B'hekk għandu jingħad li dak imsemmi mill-konsulent legali tal-appellanti waqt is-sottomissjonijiet finali kif hawn fuq imsemmi ma għandux mis-sewwa u konsegwentement qed jiġi mwarrab.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Hija tispjega għala skont hi dan ma jistax jkun. Tisħaq li kienet fil-post il-ħażin u fil-ħin il-ħażin. Tgħid li min wettaq ir-reat kien raġel u mhux hija hekk kif ikkonfermat l-istess parti leża. Hija tgħid li sabiex tinstab ħtija fiha wieħed kellu jemmen lill-imputat l-ieħor fejn jgħid li ma wettaqx ir-reat. Tispjega li għalkemm ma

[4] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

għandhiex passat feliċi mil-lenti kriminali dan ma għandux ikun raġuni għas-sejbien ta' ħtija tagħha. Targumenta li s-sitwazzjoni fattwali hija li l-imputat l-ieħor gideb ripetutament dwar l-involviment tagħha fejn jgħid li kienet hija li wettqet tali reat. Tgħid li dejjem qalet li hija akkumpanjat lill-imputat l-ieħor sabiex jiġbor xi batteriji li seraq. Targumenta li dan huwa fatt li għalkemm seta' kien reat ma huwiex reat kontemplat f'dan il-każ. Tgħid li dak li qal l-imputat l-ieħor ġie mgiddeb mis-*CCTV*.

Illi b'riferenza għas-sentenza appellata tgħid li huwa ċar sa fejn tasal ir-responsabilita' ta' kompliċi iżda tisħaq li ma kinitx konxja mir-reat li kien ser iwettaq l-imputat l-ieħor Abela u li għalhekk għandha tinħeles.

Illi din il-Qorti tinnota li l-argumenti mressqa mill-appellanti fl-aggravju in eżami kollha jorbtu mal-fatt li hija tgħid li kienet fil-post il-ħażin u fil-ħin il-ħażin minħabba li tisħaq li kull ma għamlet kien li wasslet lil Ramon Abela tas-Sliema. Hija tgħid li fehmet li kienu ser jisirqu xi batteriji tat-trakkijiet u li ma pparteċipatx fir-reat in kwistjoni u li kieku kienet taf x'ser jagħmel hija ma kinitx ser tinvolvi ruħha. Minħabba dan u tenut kont tad-divergenzi fil-verżjonijiet huwa fundamentali għal din il-Qorti li tistħarreġ min kien il-persuna li aggredixxa lill-parti leża.

Illi l-parti leża tispjega li l-aggressur kien liebes beritta *beige* (*a fol.* 282). Tgħid ukoll li fil-fehma tagħha l-aggressur kien raġel minħabba li kellu leħen ta' raġel u ma kellux sider (*a fol.* 275).

Illi x-xhud Salvatore Carnibello (*a fol.* 80 *et seq.*) jispjega li l-persuna li ra kien mibni, aktar robust mill-parti leża u li kien liebes *jeans*, beritta ċara u ġakketta ċara.

Illi d-deskrizzjonijiet tal-ħwejjeġ jaqblu ma' dawk mogħtija minn Ramon Abela fejn waqt l-istqarrija tiegħu jsemmi li l-appellanti kienet liebsa *jeans* ċar u beritta bajda (*a fol.* 152-154).

Illi d-deskrizzjoni mogħtija taqbel ukoll ma' figura ta' persuna li tidher fil-verżjoni elettronika tar-rapport ippreżentat mill-espert

Keith Cutajar (Dok. "KC 1" – *a fol.* 561 *et seq.*) fejn fil-verżjoni elettronika tar-ritratt numru 103 (*a fol.* 633) tidher il-figura ta' persuna li hija liebsa *jeans*, beritta ċara u ġakketta mhux skura. Il-figura ta' din il-persuna għalkemm tidher robusta tidher ukoll, mingħajr wisq diffikulta', li hija femminili.

Illi għalhekk jirriżulta li l-persuna li wettqet l-aggressjoni ma setax ikun Ramon Abela u b'hekk isegwi li l-appellanti ma setgħetx tkun qed issuq il-vettura, kif tgħid fl-istqarrija mogħtija minnha, bil-konsegwenza naturali allura li l-vettura kienet qed tiġi misjuqa minn Ramon Abela. Dan il-fatt jagħti kredibilita' lill-verżjoni mogħtija minn Abela u jgħarraq il-kredibilita' tal-verżjoni mogħtija mill-appellanti. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti mhux kredibbli l-verżjoni mogħtija mill-appellanti fejn hija tgħid li kienet fil-post il-ħażin u fil-ħin il-ħażin. Altru milli s-*CCTV footage* jikkorrobora l-verżjoni tal-appellanti, talli jmeri tali verżjoni u minnu jirriżulta li mhux qed tgħid il-verita'.

Illi din il-Qorti tgħid dan mingħajr ma toqgħod tidħol fil-kontradizzjonijiet li hemm fl-istqarrija tal-appellanti bħal meta hija tgħid li Ramon Abela rema kollox tas-Sliema waqt li mill-fatti jirriżulta li l-affarijiet intremew Bormla fejn instabu.

Illi din il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' tara l-istatura tal-appellanti kif ukoll semgħet il-vuċi tagħha mill-istqarrija rekordjata (*a fol.* 45). Minn dawn il-fatturi din il-Qorti setgħet tifhem għalfejn il-parti leża ħassitha li ġiet aggredita minn raġel stante li l-appellanti għandha xagħarha qasir, vuċi li xxaqleb għal fuq il-maskili u figura li tista' relattivament titqies bħala mhux femminili kif wieħed jista' jimmaġina, inkluż in-nuqqas viżiv ta' sider femminili. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti tgħid dan minkejja l-fatt li kemm il-parti leża kif ukoll xhud okulari qalu li dak li wettaq ir-reat kien raġel. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellanti tilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha ma kinitx waħda adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Tgħid li għalkemm hemm l-elementi tar-reċidiva hija ma kinitx taf li ser jitwettaq ir-reat li twettaq.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għal dak li ngħad fir-rigward tal-aggravju preċedenti u tapplikah hawn. Fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li s-sospensjoni tas-sentenza sospiża tiġi mġedda għal erba' snin oħra. Dwar din it-talba, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha minħabba li wara li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti fejn il-konsulent legali tal-appellanti lmenta li l-appellanti kienet diġa' skontat is-sentenza sospiża li ġiet reża operattiva mill-Ewwel Qorti, irriżulta li din verament kienet diġa' skontata. In fatti, wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali rriżultalha li d-dikjarazzjoni in kwistjoni kienet korretta u dana jirriżulta miż-żewġ fedini penali tal-appellanti eżebiti quddiem din il-Qorti: kemm dik kif diversament preseduta (*a fol.* 832 *et seq.*) kif ukoll dik kif preseduta (*a fol.* 870 *et seq.*). Apparti minn dan, fis-*Social Inqury Report* (Dok. "MA" – *a fol.* 676 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard jirriżulta (*a fol.* 703) li fil-każ indikat fir-rapport bħala "każ numru 7" (li jagħmel riferenza għas-sentenza ta' sentejn

priġunerija tas-sentenza sospiża tas-27 ta' Ġunju 2014) li l-appellanti skontat tali sentenza fit-28 ta' Lulju 2022. Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fid-*decide* ta' din il-Qorti.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellanti ġiet ikkundannata għal perjodu ta' tmien (8) snin priġunerija fir-rigward ta' dak li seħħ dakinhar tal-akkadut in kwistjoni. Ta' min jinnota, fost l-oħrajn, li meta l-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard ippreżentat is-*Social Inqury Report* (Dok. "MA" – *a fol.* 676 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellanti, hija xehdet hekk quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 673):

> "Il-punt li jispikka l-iktar dwar Miriam hija d-dipendenza tagħha fuq id-droga, liema problema għadha ma ġietx indirizzata għaliex Miriam għadha qatt ma segwiet programm residenzjali tal-ebda forma. Il-problema tad-droga lil Miriam twassalha biex tgħix ħajja ferm kaotika u tikkommetti reati meta tkun barra mill-ħabs. Fil-fatt meta kont qed insegwiha anke fil-passat, ftit siegħat biss għamlet 'il bogħod mill-ħabs għaliex reġgħet irrilepjsat. Għal din ir-raġuni qiegħed jinħass illi sakemm Miriam tagħmel rasha hemm u tindirizza d-droga, tindirizza l-problema tad-droga b'mod konkret, jiġifieri tagħmel programm u tipprova tibni struttura f'ħajjitha, ikun ta' riskju kemm għaliha nnifisha u kif ukoll għall-komunita' jekk titħalla toħroġ fil-komunita'."

Illi tenut kont ta' dan kif ukoll tal-gravita' u tal-kattiverja tal-aggressjoni f'dan il-każ u tenut kont ukoll li l-piena ta' tmien (8) snin priġunerija taqa' fil-parametri tal-liġi (wara li jittieħed in konsiderazzjoni wkoll l-addebitu tar-reċidiva), din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok għal temperament fiha. Magħdud dan, din il-Qorti tinnota wkoll il-fedina penali refrattarja tal-appellanti li minkejja kollox tidher li xorta baqgħet ma ndirizzatx il-problemi tagħha. Għal dawn il-motivi, l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ mhux minħabba r-raġunijiet imsemmija mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha pero' minħabba dak imsemmi hawn fuq biss ossia fir-rigward tas-sentenza sospiża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Miriam Elabed u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat illi s-sentenza sospiża mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2014, liema sentenza ġiet estiża għal erba' snin oħra fit-18 ta' Settembru 2017, tiġi fis-seħħ u dana stante illi kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha minħabba li s-sentenza kienet diġa' ġiet reża operattiva b'sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati u jirriżulta li kienet diġa' ġiet skontata;

- mill-bqija tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata b'dan illi fir-rigward tat-terminu ta' priġunerija jiġi kjarifikat li l-appellanti għandha tiġi kkundannatha għal piena ta' tmien (8) snin priġunerija biss.

Din il-Qorti tordna li kwalunkwe terminu msemmi mill-Ewwel Qorti fid-*decide* tas-sentenza tagħha għandu jibda għaddej millum.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti għandhom jintbagħtu lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* skont il-liġi.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**